**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-30 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

### Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Ħarsa Lura lejn l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2015**
4. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet t'Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-30 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-29 u 30 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

1.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa rrimarka dwar Minuta 7.8 fil-Minuti tad-29 Laqgħa tal-Kunsill Lokali.

1.2.1 Qal li l-*weekend break* propost mill-Kunsill Lokali f'dik il-laqgħa mhux se jsir għalissa minħabba li l-lukandi kollha kienu bbukkjati.

1.2.2 Żied li se nippruvaw naraw jekk ikunx possibli li dan il-*weekned break* isir f'Novembru li ġej.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 5/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 5/2015 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2015-2016.**

2.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Information meeting at Local Councils for persons with disability re ETC Services***.

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tliet Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali llum.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali llum –** ***reminder***.

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali u tliet Avviżi f'żewġ Gazzetti tal-Gvern.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali l-bieraħ u llum.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Żewġ Avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,394 u żewġ Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali l-Ġimgħa u llum.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – PQs 14439/40.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Template* ta' Formola għal Petizzjoni dwar Kontravenzjoni.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Press Release* – Stedina għat-Taħriġ: ESF 4.243 "Insaħħu l-kompetenzi għal Servizz Pubbliku effiċjenti permezz tal-użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern."**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Għoti tad-Demm fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Exchange ActiveSync (EAS) and iOS devices issue.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Għawdex – Fidi u Tradizzjoni – 20 ta' Marzu – 5 ta' April 2015.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stedina għall-Kunċert tal-Istitut Kulturali Malti – il-Ħadd 8 ta' Marzu 2015.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Launch Event – National Training Strategy for Local Councils in Malta – MT04/1.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment claim for Live Streaming Memo.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming – Internet Connection with Melita – URGENT.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Councils Unaudited Financial Statements.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **L-Assikurazzjoni u s-Sigurta' tal-Kunsill Lokali/Kumitati Reġjonali.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Possibilta' li jiġu impjegati fil-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali, il-Membri tal-Proġett LEAP.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Taħriġ għall-Kandidati Prospettivi u Kunsilliera – Kunsill Lokali.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 135/15 – Request for data – Public Conveniences Contracts – 16 Local Councils.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention – PQ 15357.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Lourdes Grech, Direttur Ġenerali fl-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Uffiċċju tal-Kabinett, bit-titlu ***Meeting between the Prime Minister, Cabinet Ministers, and the Southern Region Mayors (Qrendi Local Council).***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Audrey Vassallo, Assistent Direttur fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa mal-Bord tal-Għażla tal-Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal tal-Bord tar-Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, bit-titlu **Appell fuq Sejħa għall-Offerti QLC – PC 49/15.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 13/2015 – Opportunita' għall-Kunsilliera li jżuru l-Istituzzjonijiet Ewropej.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 15/2015 –** ***Tours*** **bil-gwida fil-Knisja tal-Vitorja, il-Belt.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 16 –** ***WebCheck*** **– Kunsilli Lokali.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 19/2015 – Vakanza – Segretarju Eżekuttiv – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Cutajar, Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa dwar Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS).**

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Għall-Attenzjoni tas-Sindki tar-Reġjun Nofsinhar.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Stedina – Laqgħa Informattiva dwar is-**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Servizzi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Direttivi mill-Bord tal-Gvernanza dwar *claims*.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Press Release by ANSEK – Capital Projects for Local Councils.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Kjarifika fuq il-funzjoni tal-ġbir ta' skart (artiklu 33 (b)).**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M421 – Festival Request for Quotations.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk Seminar (28 March 2015).***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fil-*Practice Development Unit* tad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Kura Primarja, bit-titlu ***Invitation – Primary Health Care Department programme of Health Educational Talks.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Galea, *Senior Principal* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu **1297 – Qrendi – Triq Ħaġar Qim.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit, Clerk fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***Local Councils Participation in Imnajra 2015.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Catherine Camilleri mill-Kunsill Malti għall-Isport, bit-titlu ***After School Programme.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmelo Pace, Surmast tal-Iskola Primarja

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tal-Qrendi, bit-titlu **Qrendi.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Stedina.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra, *Senior Clerk* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Public Holidays Operating Hours.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Osvaldo Pace, Segretarju fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali u Affarijiet tal-Konsumatur, bit-titlu **Irħula Aktar Ħodor.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ray Micallef, Koordinatur f'ARMS Ltd., bit-titlu **Triq San Niklaw Qrendi.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Fenech, Assistenta Personali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali, bit-titlu ***Acknowledgment.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department* ta' Transport Malta, bit-titlu ***DPN of the procession of Christ the Redeemer in Qrendi.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace D'Amato, *EU Funds Manager* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***M413.A5 Qrendi LC.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Theresa Portelli mill-NCPE, bit-titlu ***Invitation – Gender Pay Gap Conference – Friday 6th March 2015.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Simone Inguanez mill-MCCA, bit-titlu **Komunitajiet Kreattivi l** ***Creative Communities.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Roger Mamo, *EU Fund Manager* fil-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali, bit-titlu **Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar –** ***Promotion of the Programme amongst LEAP Trainees.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Leo Spiteri, *Social Mentor* fil-*LEAP! Project*,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu ***LEAP! Sharing of Good Practice Experience South.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise M Farrugia, *Regional Development Agent* tal-*LEAP! Project*, bit-titlu ***Employability Skills Training.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia M Camilleri, *Office Executive* fl-Enemalta, bit-titlu **Talba għal-Lampa Qrendi.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Keith Abela bit-titlu **Jum il-Qrendi 2015.**

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' Green PAK Ltd., bit-titlu ***GreenPAK Meeting Request – Review of 2014.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' Green PAK Ltd., bit-titlu ***Recycable Waste Collections on Public Holidays.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Qrendi residents: Winners of the* Irriċkla u Irbaħ ma' GreenPAK *Campaign.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Qrendi – Meeting held on 11/03/2015.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Melchior Grech bit-titlu ***Foods and Drinks Stalls.***

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri, Direttur ta' MQuip Co. Ltd., bit-titlu ***Totem Kiosk Installation.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Herbert Naudi bit-titlu **Merħba Sign.**

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Mario Cordina, bit-titlu ***Schedule of Tenderers – QLC SACE 49/15.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Micallef mill-JES Team taċ-Ċentru ta' Riżorsa tal-Wardija, bit-titlu ***Wardija Job Exposure Scheme.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stephen Saliba, *Environment Protection Officer* tal-MEPA, bit-titlu ***Marine Protected Area_Info Board.***

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Stephanie Azzopardi minn Heritage Malta, bit-titlu **Stedina Kunsilli Lokali.**

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonio Abela, Segretarju Żgħażagħ Santa Katarina Żurrieq, bit-titlu **Ikla Wied iż-Żurrieq.**

2.70.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali m'għandux isib oġġezzjoni li ssir din l-ikla jekk kemm-il darba nżommu l-istess regolamenti tas-snin l;-imgħoddija.

2.70.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandu jingħata dan il-permess.

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jesmond Farrugia minn Koptasin Ltd., bit-titlu ***Quotation*** **Triq it-Tempesta u Triq Wied iż-Żurrieq.**

2.71.1 Is-Sindku qal li l-kwotazzjonijiet huma għoljin u jaqbżu ħafna l-ammont ta' €1,800 li se ningħataw mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

2.71.2 Għaldaqstant huwa ppropona li fi Triq it-Tempesta għandhom isiru biss tliet żoni fi Triq it-Tempesta kif ukoll parti minn Triq iż-Żurrieq.

2.71.3 Żied li b'dawn il-flus nistgħu nagħmlu wkoll il-mirja li hemm fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq il-Warda u ta' Triq il-Panorama kantuniera ma' Triq Ħaġar Qim.

2.71.4 Il-Kunsill lokali qabel unanimament ma' dawn il-proposti.

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Karmen Koleiro, Direttur tal-*Animals Guardians Committee*, bit-titlu ***Stray Cat Control, Medication, Care & Feeding in Your Locality.***

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Micallef ta' Micallef Joe Travel, bit-titlu **Ġita għal Sqallija.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lino Bartolo bit-titlu ***Show 15 – NGOs Invite*.**

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Editur fi ħdan is-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Artiklu Ktieb tal-Festa Madonna ta' Lourdes.**

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Julia Farrugia Portelli bit-titlu **Grazzi.**

2.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvinu Zammit, Koordinatur tal-Attivitajiet Parrokjali, bit-titlu **Djarju ta' Attivitajiet – Kumitat *Fund Raising* – Parroċċa Santa Marija – Qrendi.**

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia bit-titlu **Tiswija ta' Toroq fil-Qrendi.**

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Carmen Trad mill-Paola Scouts Group, bit-titlu ***Qrendi Heritage Trail.***

2.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvu Mallia bit-titlu ***Pot Hole Repair.***

## 3. ĦARSA LURA LEJN L-ATTIVITAJIET TA' JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2015

3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem kumplessivament dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2015.

3.2 Dwar Jum il-Qrendi s-Sindku qal li l-Kunsill Lokali daħal fi problema żgħira mal-kumpanija Force 5 dwar l-attivita' kulturali *Passa si Tempi*.

3.2.1 Qal li tkellimna mas-Sur Keith Abela, li jieħu ħsieb il-kumpanija Force 5 fejn ssemmew diversi punti rigward ħlasijiet lill-Għaqdiet u kontributuri, għotja ta' kotba lill-Iskola Primarja tal-Qrendi kif ukoll affarijiet oħra.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.3 Żied li fl-istess laqgħa kienu diskussi wkoll l-attivitajiet ta' Ġieħ il-Qrendi 2015 fejn tkellimna dwar is-*sound*, id-dawl kif ukoll il-palk li kien ta' standard għoli ħafna.

3.4 Is-Sindku qal li jinsab diżappuntat li l-kor tal-Iskola Primarja ma ġiex għall-attivita' *Passa ai Tempi* meta kien allokat ħin partikolari.

3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-esebizzjoni waqt l-attivita' *Passa ai Tempi* u qal li jinsab kuntent li kienu diversi l-persuni li ħadu sehem u jittama li fis-snin li ġejjin ikompli jiżdied l-interess min-naħa tal-pubbliku.

3.6 Is-Sindku tkellem dwar is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015 u qal lis-sala kienet tajba ħafna għal okkażjoni simili u anke s-serata marret kif kien pjanat.

3.6.1 Żied li kien diżappuntat xorta waħda li mhux kulħadd attenda għall-attivitajiet ta' Ġieħ il-Qrendi meta minn ġimgħat qabel kulħadd kien jaf meta se ssir din is-serata.

3.7 Spjega kif iħossu urtat li mill-persuni li kienu jiffurmaw parti mis-sotto-kumitat ta' Ġieħ il-Qrendi 2015, mhux kulħadd stqarr li kellu xi kunflitt ta' interess, imbagħad aktar tard sema' mingħand terzi persuni li kien hemm Kunsillier/i li bdew jipproponu persuni li għandhom jiġu nominati għal dan il-Ġieħ lil ċertu kostitwenti.

3.7.1 Żied li anke meta tħabbar ir-riżultat, kien hemm diversi persuni li bdew jistaqsu kif saret l-għażla ta' min għandu jiġi ppremjat b'Ġieħ il-Qrendi u fuq liema kriterji ngħata dan il-Ġieħ.

3.7.2 Spjega kif ir-rapport tas-sotto-kumitat se jkun ippubblikat bħala dokument uffiċjali bħalma jiġu ppubblikati l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

3.8 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li forsi wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jibda jaħtar sotto-kumitat li jkun indipendenti mill-Kunsill Lokali u dan minħabba li fis-sotto-kumitat ta' din is-sena kien hemm erba' kunsillieri minn ħamsa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kellu jissospendi l-proċess tal-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti QLC PC 49/15.

4.1.1 Spjega kif wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, iż-żewġ offerenti li ma kenux *shortlisted* mill-Kunsill Lokali ntbagħtitilhom ittra li l-offerta tagħhom ma ġietx magħżula mill-Kunsill Lokali.

4.1.2 Qal lid-deċiżjoni finali kienet se tittieħed waqt din il-laqgħa minħabba li l-Kunsill Lokali kien għamel *shortlist* ta' żewġ offerenti: is-Sur Clayton D'Amato u s-Sur Brian Borg.

4.1.3 Fisser kif ftit tal-jiem wara li ntbagħtet l-ittra lill-offerenti li ma ġewx *shortlisted*, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali wasal appell mingħand is-Sa. Roberta Mifsud, appell li ntbagħat lill-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti u dan idderiġewna li għandna nissospendu l-proċess.

4.1.4 Spjega kif fil-preżent il-Kunsill Lokali qiegħed jaħdem mal-Bord tal-Appelli sabiex fil-ġimgħat li ġejjin jinstema' l-appell tas-Sa. Roberta Mifsud, li qiegħda tallega li jingħata lil min jingħata l-kuntratt tal-Latrini, dan jew dawn se jkunu qegħdin iħaddmu n-nies bil-prekarjat.

4.1.5 Qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin nagħmlu x-xogħol tagħna u wara li ħadna parir, se nkunu qegħdin nitkellmu ma' Dr Joseph Sammut sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali waqt l-appell.

4.1.6 Żied li dan l-appell jista' jieħu xhur sabiex jinqata', kif ukoll probabbli niġu mistoqsija sabiex nerġgħu nibdew il-proċess ta' dan it-tender partikolari mill-bidu.

4.1.7 Fisser li għaldaqstant se jkollna nġeddu l-kuntratt preżenti mas-Sur Brian Borg, fejn inġedduh biss għal ftit xhur sabiex il-latrini tal-lokalita' ma jispiċċawx bla kuntratt sakemm ikun deċiż x'se jiġri mill-Bord tal-Appell.

4.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar is-sejħa għall-offerti QLC SACE 49/15.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.2.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien għamel *shortlist* ta' żewġ Periti: Il-Perit William Lewis u l-Perit Anthony C. Bezzina.

4.2.2 Spjega kif iż-żewġ offerenti l-oħra, ntbagħtitilhom ittra fejn kienu mgħarrfa li l-Kunsill Lokali m'aċċettax l-offerta tagħhom.

4.2.3 Qal li l-Perit Mario Cordina, f'isem il-kumpanija CP Partners ikkomunika mal-Kunsill Lokali permezz tal-*e-mails* fejn dan talab laqgħa mal-Kunsill Lokali sabiex il-kumpanija CP Partners terġa' tiġi kkunsidrata f'din is-sejħa.

4.2.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jerġa' jikkunsidra l-offerta tal-kumpanija CP Partners u nitkellmu magħhom kif tkellimna mal-Periti l-oħra.

4.2.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.3 Is-Sindku kompla jispjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħat kemm mal-Perit William Lewis kif ukoll mal-Perit Anthony C. Bezzina.

4.3.1 Qal li ma' dawn il-Periti ġew diskussi diversi temi relatati max-xogħol tagħhom.

4.3.2 Żied li jkun għaqli li l-ewwel nitkellmu mal-Perit Mario Cordina minn CP Partners qabel il-Kunsill Lokali jasal biex jieħu deċiżjoni finali fuq din is-sejħa.

4.3.3 Hu ppropona lid-deċiżjoni finali għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

4.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku David Schembri tkellem kif nhar is-Sibt 7 ta’ Marzu 2015 fil-Qrendi kellna lill-Korp Diplomatiku fejn dawn żaru diversi postijiet t’interess.

5.1.1 Qal li marru fil-bar tal-każin tas-Soċjeta’ Filarmonika Lourdes sabiex jieħdu ftit ħobż, pastizzi, te’ u kafe’ u vera ħadu pjaċir.

5.1.2 Wara, membri mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjeta’ Filarmonika Lourdes dawru lill-mistednin mas-sede tas-Soċjeta’ u wrewhom il-ħidma tas-soċi b’riżq is-Soċjeta’ waqt il-ħin liberu tagħhom.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li għaliha kien mistieden il-Kunsill Lokali tal-Qrendi nhar id-19 ta’ Frar dwar fondi Ewropej mal-Onorevoli Dr. Ian Borg.

5.3 Żied li fil-preżent il-Kunsill Lokali qiegħed jitkellem ukoll mas-Sur Michael Cohen dwar possibiltajiet sabiex inġibu fondi għall-bini ġdid tal-Kunsill Lokali.

5.4 Spjega kif bħala Kunsill Lokali applikajna għall-iskema tal-Proġetti Kapitali imma l-applikazzjoni tagħna ma ġietx aċċettata u issa appellajna mid-deċiżjoni li ttieħdet.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett LEAP!

5.5.1 Qal li l-programm mistenni jispiċċa fl-aħħar ta’ Marzu 2015 u l-programm se jinbidel f’*Youth Guarantee*.

5.5.2 Spjega kif is-Sa. Alessia Mangion u s-Sur Ryan Salerno se jispiċċaw minn mal-Kunsill Lokali fl-aħħar ta’ Marzu mbagħad jibdew dan il-programm ġdid, fejn se jkunu qegħdin jitħallsu bil-paga minima filwaqt li jistgħu jibqgħu jirreġistraw.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema 34U u qal li matul dan ix-xahar tħawlu 40 siġra fiż-żona t’Għajn ix-Xemx fi Triq Ħaġar Qim minn studenti Ġappuniżi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mill-iskola tal-lingwi EC Malta..

5.7 Is-Sindku tkellem dwar id-DVD li jaqa' taħt Miżura 313 u bħalissa qegħdin naħdmu fuq il-verżjoni bil-Malti.

5.8 Is-Sindku tkellem dwar is-Simpożju li sar mir-Reġjun tan-Nofsinhar dwar in-nar tradizzjonali Malti.

5.8.1 Qal li l-Kunsill Lokali ħa sehem flimkien ma' membri mis-Soċjeta' Mużikali Santa Marija.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu flimkien mal-*partners* Olandiżi ta' Leeuwarden, kif ukoll il-Kap taċ-Ċentru tal-Iskola Helen Keller u l-Assistent Kap tal-Iskola Primarja.

5.9.1 Spjega kif il-laqgħa kienet konċentrata dwar l-attivitajiet li qegħdin iseħħu għall-Belt Kapitali Ewropea 2018.

5.9.2 Fisser kif l-istudenti tal-iskejjel tagħna se jkunu qegħdin jiktbu poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż li se jintbagħtu flimkien mal-patata l-Olanda.

5.10 Is-Sindku tkellem dwar l-inawgurazzjoni tal-Fondazzjoni tat-Turiżmu u kif il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien mistieden minħabba Wied iż-Żurrieq.

5.11 Is-Sindku tkellem dwar is-sessjonijiet tal-Aerobics u qal li f'kull sessjoni qegħdin jattendu madwar 30 persuna.

5.12 Is-Sindku tkellem dwar l-*After School Programme* u qal li kellna nżidu tutor ieħor f'dawn is-sessjonijiet.

5.12.1 Qal li dan sar minħabba li qiegħed ikun hemm aktar minn 20 tifel u tifla li qegħdin jibqgħu għal dan il-programm u tutor wieħed ma setax ilaħħaq mat-tfal kollha.

5.13 Is-Sindku tkellem dwar il-periklu li kien hemm fi Triq il-Biżantini u qal li tpoġġa l-ġebel mal-fetħa ta' għalqa f'din it-triq u momentarjament il-periklu jidher li naqas.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.14 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu ma' GreenPAK.

5.14.1 Qal li għalkemm żidna fil-persentaġġ tal-iskart riċiklat, xorta waħda ninsabu diżappuntati dwar il-*bring-in site* li hemm fi Triq l-Imqabba.

5.14.2 Żied li għandna diżappunt ieħor, dak ta' kif qed jintużaw l-iskips madwar il-lokalita'.

5.14.3 Spjega kif fil-*bring-in site* ta' Triq l-Imqabba qed ikun hemm sgass wara l-ieħor u dan mhuwiex permess u s-sitwazzjoni trid tiġi riżolta.

5.14.4 Saħaq li l-Kunsill Lokali jrid jieħu deċiżjoni dwar x'se jagħmel dwar din il-*bring-in site* partikolari, jew li jneħħieha għal kollox jew inkella jagħmel rilokazzjoni tagħha.

5.14.5 Staqsa jekk tkun idea tajba li din il-*bring-in site* titpoġġa fi Triq il-Biżantini, fil-wesgħa fejn hemm l-għelieqi fuq kull naħa.

5.14.6 Qal li apparti minn hekk, irid jiżdied kontenitur wieħed tal-karti mal-*bring-in site* ta' Triq it-Tempesta għax kontenitur wieħed mhuwiex ilaħħaq mad-domanda.

5.14.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku u jkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jipprova din il-proposta u naraw kif immorru.

5.14.8 Is-Sindku kompla li l-iskip li hemm fi Triq Filippu Zammit ukoll qiegħda tintuża' ħażin għax qiegħed jintrema' ħafna skart goff maġenbha.

5.15 Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li jista' jorganizza l-Kunsill Lokali fix-xhur li ġejjin.

5.15.1 Tkellem dwar attivita' li nistgħu norganizzaw għal Jum l-Omm u qal li tkun ideali jekk l-attivita' tkun organizzata fis-6 ta' Mejju 2015, fil-ġimgħa ta' Jum l-Omm.

5.15.2 Żied li rridu naħsbu għal ġurnata Għawdex u kienet proposta d-data tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Erbgħa 10 ta' Ġunju u dan sabiex inkunu nistgħu mmorru l-monti tan-Nadur.

5.15.3 Tkellem ukoll dwar ġurnata Sqallija u qal li min-naħa tiegħu diġa' tkellem ma' Micallef Joe Travel, fejn jidher li din il-ġurnata tiġi tiswa madwar €152 kull persuna jekk kemm-il darba il-mawra ssir f'Lulju.

5.16 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata u qal li dan se jiġi organizzat nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 2015.

5.16.1 Spjega kif se jibda jitlaqqa' s-sotto-kumitat għal dan il-Festival.

5.17 Il-Viċi Sindku staqsa jekk tistax issir mera fi Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

5.17.1 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba se nagħmlu mirja mal-kantunieri, se jibda jkollna talba biex nagħmlu mera ma' kull kantuniera.

5.18 Is-Sindku tkellem dwar *junction box* li hemm bżonn issir fi Triq is-Salvatur u dan minħabba li filgħaxijiet qiegħed ikun hemm parkeġġ doppju u f'ċertu każijiet anke triplu.

5.18.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €19,080.64c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/15 u €88.09c skont il-*Petty Cash* Ref S/02.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 t'April 2015 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |